**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr. MONICA VELLA LL.D., M.Jur**

Il-Pulizija
(Spettur Godwin Scerri)

Vs.

Annise Bejaoui

Kumpilazzjoni Numru: 524/2018

Illum 08 ta' Lulju 2020

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Annise Bejaoui,** detentur ta' karta tal-identita' numru 387889M, akkuzat talli nhar l-20 ta' Mejju 2018 ghall-habta tal-10:15 ta' fil-ghaxija minn gewwa l-lukanda *San Anton* sitwata fi Triq ir-Ramel, San Pawl il-Bahar;

Bil-hsieb li jikkometti d-delitt ta' serq aggravat wera dan bi hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghal esekuzzjoni mid-delitt, fejn tali delitt ma' giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta tieghu bi ksur ta' ***Artikolu 263, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta***, u

Akkuzat ukoll talli fl-istess data lok u hin imsemmija qabel ikkaguna hsara volontarja, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara ma tiskorrix l-valur ta' 1,164.69 ewro izda tiskorri l-valur ta' 116.47 ewro ghad-dannu tal-kumpanija Cavendish Hotels Ltd, bi ksur tal-***Artikolu 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

B'talba li jigi revokat id-digriet tal-helsien mill-arrest u li l-imputat jigi arrestat mill-gdid b'talba li s-somma ta' ghaxart elef Ewro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern.

Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkustanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest impost fuqu mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace LL.D. datat 21 ta' Mejju 2015.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tikkonsidra lil Annise Bejaoui bhala recidiv, b'sentenzi li huma defenittivi u ma jistghux jigu mhassra u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat il-fedina penali aggornata tal-akkuzat.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

**Ikkunsidrat:**

**L-Akkuzi fil-Qosor**

Illi l-imputat jinsab akkuzat bi imputazzjonijiet ta' tentattiv ta' serq kif ukoll bi hsara volontarja waqt perjodu li fih huwa kien obbligat li ma jikkommettix reat iehor.

**Provi:**

Il-Prosekuzzjoni fost ohrajn ressqet lis-*security manager* li kien xoghol dak inhar fil-lukanda San Anton u lill-esperti forensici. Jirrizulta madanakollu li l-*cleaner* li effettivament ra lill-halliel ma tressaqx biex jixhed.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li impjegat tal-lukanda San Anton Hotel inzerta lil xi hadd hiereg minn Kamra bin-numru 55 b'*television* mgezwer fix-xugamani f'idu izda x'hin il-persuna rat lill-impjegat, huwa halla t-television fejn kien u telaq jigri.

Ix-xhieda principali dwar it-tentattiv ta' serq huma l-impjegati tal-lukanda San Anton Hotel kif ukoll ufficjali tal-Pulizija u forensika.

Nhar il-5 ta' Settembru, 2018 xehdet **WPS 264 Gabriella Gatt** fejn spjegat li nhar l-20 ta' Mejju, 2018 waqt *night watch* hija rceviet telefonata ghal habta tal-11 minn certu Martin Bonello fil-kariga tieghu ta' *Duty Manager* tal-lukanda San Anton Hotel fejn giet infurmata li wiehed mill-cleaners ta' l-istess lukanda kien ghadu kif ra lil xi hadd li kien ghadu kif hareg jigri minn kamra u x'hin ra lill-impjegat pogga t-*television* u telaq jigri. Spjegat li hija marret fuq il-post, gewwa *room fifty-five* u setghet tinnota li l-bieb ta' l-istess kamra kien sgassat izda ma kienx hemm taqlib. Tghid li hija giet infurmata mid-*Duty Manager* li kien hemm *television* marbut, mgezwer f'xugamani bojod li ma kienux fil-kamra dak il-hin. Spjegat li hija infurmat lill-Ispettur u lil tal-forensika u marru fuq il-post PS 826 u PS 385.

Ziedet tghid li t-*television* hija ratu fil-*reception* imgezwer fix-xugamani, liema xugamani l-haddiema tal-lukanda ma kinux jafu minn fejn ittiehdu ghax ghalkemm kienu tal-lukanda, ma kinux jafu mil-liema *compartment* ittiehdu. Kompliet li hija hejjiet rapport f'dan is-sens li jgib in-numru 9V2212/18[1] u halliet f'idejn tal-forensika.

In **kontro ezami**[2] nhar il-15 ta' Lulju, 2019 hija spjegat li l-isem tad-*Duty Manager* kien Mario Bonello u mhux kif indikat waqt ix-xhieda taghha u cioe' Martin Bonello. Mistoqsija jekk hija staqsitx ghall-isem tal-*cleaner* li ra lill-allegat halliet, hija rrispondiet fil-pozittiv filwaqt li kompliet tghid li d-*Duty Manager* kellu jiccekkja l-isem

[1] A folio 27 – 29 tal-process.
[2] A folio 126 – 132 tal-process

ezatt. Xehdet li l-bieb ta' room 55 kien sgassat mis-serratura u l-injam tan-naha l-ohra kien *damaged* ukoll filwaqt li ziedet li peress li t-television kien imgezwer hija ma ratux izda setghet taghraf li kien televizjoni minhabba l-*istand* tieghu.

**Martin Bayliss** fil-kapacita tieghu ta' *security manager* xehed[3] nhar il-5 ta' Settembru, 2018 fejn spjega li gie infurmat minn Joe Attard fil-kapacita tieghu ta' *General Manager* tal-lukanda San Anton li kienu raw persuna hiereg b'*television* minn go kamra wara li kien sgassa *room* 55 ta' l-istess lukanda. Hekk kif grew warajh, halla t-television u baqa' sejjer. Xehed li huwa tela' l-lukanda in kwistjoni aktar tard fil-gurnata fejn ha iktar dettalji minghand l-istess *General Manager* u informa lill-Pulizija.

Spjega li kienet saret hsara fil-bieb stante li gie sgassat u hu anke prezenta l-ircevuta tax-xoghol, Dokument MB1 a folio 32 tal-process, biex irranga dan il-bieb filwaqt li kompla li ma jiftakarx id-ditta tat-*television*.

Ix-xhud xehed **in kontro ezami**[4] nhar il-15 ta' Lulju, 2019 fejn spjega li barra l-*cleaner* li ssemma' kien hemm fattiga ohra li ra lill-allegat halliel izda din ta' l-ahhar lahqet telqet minn dawn il-gzejjer. Mitlub jikkonferma li effettivament kien dan il-fattiga biss li ra lill-allegat halliel hiereg bit-television mill-kamra, huwa jghid li l-informazzjoni huwa gabha minn Joe Attard filwaqt li spjega li lanqas kien infurmah jekk rawx lill-halliel

[3] A folio 30 – 32 tal-process.
[4] A folio 133 – 138 tal-process

jisgassa l-bieb u tenna li l-informazzjoni kollha huwa gabha minn ghand Joe Attard u xehed fuq x'gie infurmat, madanakollu gie infurmat li kien hemm aktar minn persuna wahda li rat lill-halliel.

**PS 826 Matthew Parnis** xehed[5] nhar l-24 ta' Ottubru, 2018 fejn spjega li fil-lejl ta' bejn l-20 u il-21 ta' Mejju tal-2018, huwa u l-kollega tieghu ghamlu xoghol forensiku li jinkludi xoghol ta' ritratti kif ukoll ezamijiet ghal impronti digitali gewwa appartamenti *fifty five* jew *room* 55 San Antonio Hotel San Pawl il-Bahar. Ix-xhud pprezenta[6] faxxiklu ta' tnax-il ritratt tal-kulur kif ukoll tlett ritratti *black and white* tal-impronti digitali kif ukoll tlett impronti digitali li elevaw fuq il-post.

Permezz ta' digriet ta' l-24 ta' Ottubru, 2018, din il-Qorti hatret lil **Joseph Mallia** sabiex seduta stante jiehu impronti digitali u l-marki tal-pali ta' l-idejn tal-imputat u wara jghaddi biex jaghmel ezami komparattiv. Nhar il-21 ta' Novembru 2018 huwa espleta l-inkarigu moghti lilu u xehed fl-istess gurnata, fejn wara li prezenta r-rapport tieghu[7], kkonkluda li kien hemm impronta li kienet parti mill-marka tal-pala ta' l-id li kienet giet dokumentata bhala 18BEF301 u li din kienet taqbel ma' parti mill-pala ta' l-id ix-xellugija tas-Sur Bejaoui. Zied jghid li kien hemm impronta ohra li ggib il-kodici 18BEF302 li kienet instabet ukoll allegatament fuq televizjoni li kien gie imcaqlaq minn postu u din kienet

[5] A folio 36 – 37 tal-process
[6] A folio 40 – 54 tal-process
[7] A folio 63 – 64 tal-process

taqbel ukoll mal-parti mis-seba tan-nofs ta' l-id ix-xellugija ta' l-imputat.

In **kontro ezami**[8] nhar is-27 ta' Novembru, 2019 ix-xhud ikkonferma l-ewwel zewg konkluzjonijiet, u tenna li l-ewwel wahda taqbel ma' parti tal-pala ta' l-id tax-xellug ta' l-imputat u l-iehor gie komparat u qabel ma' seba ta' nofs ta' l-id tax-xellug ta' l-imputat. Spjega li l-*points of comparision* li huma mmarkati minn wiehed sa sittax huma dawk il-punti li huwa mmarka *in common*. Pero' hemm iktar li huma mmarkati b'*dots* homor li huma *additional characteristic point in common* li jaqblu ma' l-id filwaqt li F 26 dak huwa l-marka tas-saba li gie elevat mis-*scene of crime officers* li gie zviluppat permezz ta' kimika jew *powders*. Kompla li n-naha l-ohra F 27 hija parti mis-saba ta' nofs ta' l-id ix-xellugija tas-Sur Bejaoui mehuda minn fuq il-*finger print form*. Tenna li n-numri huma minn wiehed sa erbatax ghaliex *finger print* il-Qorti titlob erbatax, waqt li fir-rigward ta' *palm print*, minhabba l-fatt li hija area ikbar, jintalab sittax-il *point*.

Nhar il-21 ta' Novembru, 2018 xehed[9] **Vince Farrugia** li spjega li huwa mastrudaxxa u gie inkarigat sabiex jirranga l-bieb ta' kamra mill-lukanda San Antonio Hotel ghal liema xoghol huwa talab €170, liema ammont thallas mill-lukanda. Spjega li l-bieb kien tal-parana u miksi bil-formajka *laminated*.

[8] A folio 141 – 143 tal-process
[9] A folio 59 – 61 tal-process

L-Ispettur **Godwin Scerri** xehed[10] fl-14 ta' Marzu, 2019 u spjega li nhar l-20 ta' Mejju, 2018 kien xoghol bhala *duty officer* fl-area ta' Bugibba, San Pawl il-Bahar u rcieva informazzjoni minghand is-surgent 264 Gabriella Gatt illi gewwa l-lukanda San Antonio Hotel kien hemm attentat ta' serq minn gewwa wahda mill-kmamar. Jghid li gie infurmat il-halliel kien deskritt bhala ragel li pprova jiehu televizjoni minn wahda mill-kmamar tal-lukanda, pero gie innutat minn xi haddiema u kif induna bil-*personnel*, il-halliel li kien qieghed bit-televizjoni f'idejh telaq l-istess televizjoni u harab jigri l-barra.

Kompla li huwa nforma lis-surgent biex ticcekkja dwar xi CCTV li jistghu jkunu ta' ghajnuna fl-investigazzjoni, izda rrizulta li ma kienx hemm sistema ta' CCTV tahdem u sussegwentament ordna li jmorru tal-forensika fuq il-post biex jiehdu xi *finger prints* minn fuq il-bieb u minn fuq it-televizjoni u hekk gara. Tenna li wara ftit tal-gimghat gie infurmat mill-forensika illi xi lifters li ittellghu minn fuq dan it-televizjoni jghajtu lil certu Annise Bejaoui persuna maghruf mal-Pulizija li sfortunatament ghandu kondotta imzejna. Spjega li huwa baghat sabiex ikellmu u wara li tah id-drittijiet soliti li jikkonsulta ma' avukat, ittihditlu stqarrija, liema stqarrija giet prezentata. Spjega li fil-bidu meta beda jkellmu dwar San Antonio Hotel Bugibba beda jikkopera u beda jitkellem dwar darba meta kien go lukanda San Antonio izda meta specifikalu ghal liema lukanda huwa kien qieghed jaghmel referenza, stante li hemm 2 lukandi bl-istess isem, huwa ma wegibx ghall-ebda domanda ohra.

[10] A folio 100 – 102 tal-process

L-ispettur pprezenta zewg sentenzi[11], wahda minnhom l-Ispettur Elliot Magro, Spettur Matthew Spagnol kontra Annise Bejaoui, sentenza li inghatat nhar il-hdax ta' Mejju ta' l-elfejn u sbatax mill-Magistrat Dr. Joe Mifsud. It-tieni sentenza kienet fl-ismijiet Il-Pulizija vs Annise Bejaoui sentenza moghtija nhar is-sbatax ta' Marzu elfejn u sittax mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli.

In **kontro ezami**[12] nhar is-27 ta' Novembru, 2019 ix-xhud tenna li l-korp tal-Pulizija ghandha sistema, fejn jibghatu l-esperti biex jiehdu *finger prints*, li ma jinghatawx lilu izda jekk jkun hemm lifters li tibqa' fis-sistema tal-forensika li ghandha *database* taghha fejn isir comparison ma' dawk il-*finger prints* diga registrati fid-*database* tal-korp tal-Pulizija. Spjega li mill-forensika infurmawh illi dawk il-lifters li gew elevati qablu ma xi *finger prints* ta' *database* u tawh l-isem tal-persuna. Huwa kompla jghid "*il-persuni illi kienu lemhu lil dan ir-ragel fil-kurutur tant rawh briefly skond ma qalu lili, n-nies tieghi jigifieri, tant rawh briefly li ma kienux kapaci li jaghmlu identifika tal-persuna. Wahda mis-sistemi li nuzaw ahna meta jkun hemm witness hu li nipprovaw naghmlu e-fit biex forsi jigi identifikat il-wicc, jigi mxebbah ma dak li jkun ra l-persuna minn dak li jiftakar hu. Pero l-persuni li tkellmu maghhom il-pulizija tieghi, kien qallhom li ma kienx kapaci li jiddentifika lil dan il-persuna. Jigifieri li kieku ergajt gibt lis-Sur Bejaoui quddiemu ma kienx jkun kapaci. Ghax skont hu ma kellux ritratt tal-persuna f'mohhu, Jigifieri la e-fit u lanqas identification parade ma stajt naghmel f'dan il-kaz*".

[11] A folio 109 – 117 tal-process.
[12] A folio 144 – 148 tal-process.

**Gurisprudenza u Principji Applikabbli**

Illi fl-ewwel lok, jinghad illi l-akkuzat m'huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu u ghalhekk jista' jaghzel li jistrieh fuq il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni. L-imputat jista' jaghzel ukoll illi ma jixhedx u hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, u cioe' *beyond reasonable doubt*.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid Manzini fil-ktieb tieghu bl-isem Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Illi l-Qorti hija rinfaccata bi provi min naha tal-prosekuzzjoni u twegiba ta' 'mhux hati' minn naha ta' l-imputat.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, deciza mill-Qorti tal-Appell

Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997, fejn il-Qorti fakkret li "l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju.

Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu (li dwar dan smajna hafna f'dan il-Guri), ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.".

Fil-kaz Ir-**Repubbblika ta' Malta vs Andrea Zammit**, deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-tnax (12) ta' Jannar 2016, il-Qorti kkwotat l-indirizz tal-Imhallef illi kien qieghed jippresjedi l-guri li tenna s-segwenti:

"Issa hemm imbagħad ir-raba' tip ta' prova li diġa` ssemmiet waqt it-trattazzjoni li hija circumstantial evidence. […] L-importanti pero` li tibqghu tiftakru li jekk is-circumstantial evidence, jiġifieri serje ta' ċirkostanzi jistgħu jwassluk għall-konklużjoni waħda u waħda biss allura dik hija biżżejjed biex tistrieħ fuqha, anke fuqha biss biex issib il-ħtija. Pero` jekk is-cicumstantial evidence ma twassalkomx għal konklużjoni waħda biss imma tista' tagħti lok għal diversi konklużjonijiet, jew għall-inqas tnejn, allura ma tistgħux tistrieħu fuqha biss biex issibu l-ħtija. Dik hija r-regola prinċipali tascircumstantial evidence. Circumstantial evidence tista' tiġi minn ħafna affarijiet."

Illi fis-sentenza Il-**Pulizija vs Joseph Buttigieg et** deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta' Gunju 2010, il-Qorti tenniet illi:

"Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet sabiex tippronuncja ruhha dwar is-sahha probattiva ta' provi cirkostanzjali. Filwaqt illi dawna huma ammessi jistghu jwasslu ghall-htija jekk tirrizulta konkluzjoni wahda. Jigifieri li l-provi tkun univoka."

Fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Ellul Vincenti,** deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta' Ottubru 2013, inghad li

*"Hemm ukoll il-provi cirkostanzjali illi johrogu minn dan il-process, provi illi huma wkoll imporanti, a dirittua mpellenti ghall-prosekuzzjoni, li jwassllu ghal konkluzjoni wahda u wahda biss. Meta persuna tkun qieghda tikkonsidra sabiex taghmel reat, dina taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u r-responsabilta' taghha ghal dak ir-reat u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari izda jkollok diversi ndizji li kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat in kwistjoni.*

In oltre permezz tas-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju 2002, il-Qorti sostniet is-segwenti:

*"L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghallkonkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit tal-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi*"

Inoltre fil-kawza bl-ismijiet **Pulizija vs Paul Grech**, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April 2001 intqal illi:

"l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mirreita' ta' l-imputat."

Kif tenniet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta Malta vs Omissis** deciza nhar il-11 ta' Jannar, 2019,
"Illi huwa risaput illi bi provi cirkostanzjali wahedhom, f'certi kazijiet, jista' jkun hemm htija ... Illi l-gudikant ghandu jkollu s-serhan tal-mohh li anke jekk ikollu prova cirkostanzjali wahda, dina ghandha tkun bizzejjed sabiex ikollu l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li l-akkuzat ikkommetta dak id-delitt".

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Fit-trattazzjoni, inghad li l-Prosekuzzjoni thoss li ghandha kaz pruvat waqt li d-Difiza issostni li l-prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi. Id-Difiza temmen li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni ghax skond l-istess il-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova biss li nstabu marki tas-swaba f'post li skond id-difiza huwa post pubbliku.

Illi l-Qorti tirrileva li l-Prosekuzzjoni naqset milli ttella' jixhed lill-*cleaner* li effettivament ra lil halliel, xhud importanti f'dan il-kaz. Madanakollu din il-Qorti thoss li minkejja li ma kienx hemm xhieda okkulari, tirrileva li l-provi ta' l-espert huma l-perm f'din il-kawza u ma jhallu l-ebda ombra ta' dubju li l-imputat wettaq id-delitt. L-imputat ma gab l-ebda prova biex isostni din it-tezi tieghu li l-impronti tieghu kienu fuq it-*television* b'mod genwin ghaliex il-kamra tal-lukanda hija post pubbliku u li l-impronti tieghu kienu fuq it-*television* ghaliex huwa kien f'dik il-kamra f'xi zmien genwinament per ezempju li kieku huwa kien kera dik il-kamra precedentament u uza dak it-televizjoni u ghalhekk jekk ma sarx tindif tajjeb kien ikun hemm l-impronti tieghu fuq it-*television* ghaliex huwa kien uza dak it-*television* waqt li huwa kien genwinament qed jokkupa dik il-kamra.

Illi ghalhekk din il-prova mressqa mill-Prosekuzzjoni ma thalli l-ebda ombra ta' dubju li kien l-imputat il-persuna li kienet qed iggorr dak it-*television*.

**L-artikolu 41 tal-Kapitolu 9** li jitkellem dwar it-tentattiv ta' reat jiddisponi illi:

*"Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dana il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati .... jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi."*

Mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.
2. Bidu ta' l-esekuzzjoni tad-delitt.
3. In-nuqqas ta' esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.

Ma hemm ebda dubju li l-intenzjoni ta' l-imputat giet manifestata, liema azzjoni saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma halla l-ebda dubbju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Irrizulta mill-atti li l-imputat sgassa l-bieb tal-kamra 55, gezwer it-*television* fix-xugamani u kien hiereg bih. Gara li madanakollu s-serqa kellha tieqaf hesrem hekk kif il-cleaner lemah lill-imputat ghaddej bit-*television* tant li dan ta' l-ahhar halla t-*television* fejn kien u telaq jigri.

Irrizulta wkoll li t-tieni imputazzjoni tal-hsara volontarja giet pruvata permezz ta' l-ircevuta, ir-ritratti tal-bieb u x-xhieda ta' Vince Farrugia, a folio 59 sa 62 tal-process, li esegwa x-xoghol tat-tiswija.

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet ukoll vera kopja tad-digriet tal-Helsien mill-Arrest mahrug fil-21 ta' Mejju 2015, Dok GS3 a folio 107 tal-process. B'hekk gie pruvat wkoll illi fiz-zmien li l-imputat ikkommetta r-reat huwa kien qed jibbenefika minn tali digriet u kiser wahda mill-kundizzjonijiet tieghu u cioe' il-kundizzjoni numru erbgha (4) dik "li ma tikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest".

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet ukoll vera kopja ta' zewg sentenzi li inghataw fil-konfront ta' l-imputat u li huma res judicata, Dok GS4 a folio 109 tal-process sentenza tal-11 ta' Mejju 2017 u Dok GS5 sentenza tas-17 ta' Marzu 2016, u ghalhekk il-Prosekuzzjoni pruvat ukoll illi l-imputat huwa recidiv.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel u tieni imputazzjonijiet, kif ukoll hati li kiser il-kundizzjonijiet tad-digriet tal-Helsien mill-arrest tal-21 ta' Mejju 2015, kif ukoll illi huwa rrenda ruhu recidiv.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 31, 49, 50, 263, 267, 270, 278, 289, 325 (1)(c) u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qeghda ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u wara li rat l-fedina penali tal-imputat u rat li minkejja diversi opportunitajiet moghtija minn din l-Onorabbli Qorti kif

diversament preseduta, l-imputat ghazel li ma jbiddilx id-direzzjoni ta' hajtu, il-Qorti qeghda:

(1) Tirrevoka d-digriet tal-Helsien mill-Arrest tal-21 ta' Mejju 2015 u tordna li l-imputat jigi arrestat mill-gdid u tordna li s-somma ta' ghaxart'elef ewro (€10,000) garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta' Malta, u
(2) Tikkundanna lill-imputat ghall-piena komplessiva ta' tlett snin (3) u sitt (6) xhur prigunerija effettivi.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.**

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur